# Stqarrija Għall-Media

kummissjoni djoċesana żgħażagħ

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ | **Data:** | 18/01/08 |
| **Ref:** | KDŻ 02/08 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## Insaħħu l-ministeru maż-żgħażagħ fil-parroċċi, skejjel, ordnijiet reliġjużi u gruppi

***It-Tieni Assemblea Ġenerali b'lenti fuq il-pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ***

Wara l-ewwel l-assemblea ġenerali li saret f'April 2006, il-KDŻ qed tħejji assemblea ġenerali oħra. Din l-assemblea, li ser issir nhar is-Sibt 26 ta' Jannar 2008, bejn id-8.45am u s-1.00pm, fiċ-Ċentru Familja Karmelitana li jinsab Fleur-De-Lys, ser titratta **l-ambjenti li fihom qed issir il-ħidma pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ.** L-ambjenti li ser jiġu trattati huma il-parroċċi, l-ordnijiet reliġjużi, l-għaqdiet u l-movimenti, u l-iskejjel sekondarji u post-sekondarji.

Permezz ta' diversi preżentazzjonijiet minn numru ta' kelliema, dawk preżenti għal din l-assemblea ser ikollhom iċ-ċans jirriflettu fuq dak li diġa` qed isir f'dawn l-ambjenti u kif ukoll fuq il-ħidma li hemm bżonn li tibda ssir. Lejn l-aħħar ta' l-assemblea ser jiġi wkoll ippreżentat is-suġġett ta' l-*outreach* li jiffoka fuq il-bżonn li l-ħidma pastorali tinħass anke f'diversi ambjenti oħrajn li jmorru lil hinn minn dawk imsemmija hawn fuq.

Għal aktar dettalji wieħed jista' jżur il-website www.kdz.org.mt, jibgħat email fuq info@kdz.org.mt jew iċempel fuq 21484506

TMIEM■■■■

flimkien
għas-servizz
taż-żgħażagħ